Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 450/2009/1

**Tonio Fenech u Claudine Fenech**

**Vs**

**Glenn Bedingfield**

It-Tnejn, 4 ta' Gunju 2018.

1. Permezz ta' rikors ipprezentat fit-13 ta' Novembru 2009, l-atturi talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tiddikjara li l-allegazzjonijiet illi gew ippubblikati u mxandra fuq One TV fl-ahbarijiet tas-19.30 p.m tat-8 ta' Novembru 2009 u tal-11 ta' Novembru 2009, liema ahbarijiet ghamlu referenza diretta ghar-rikorrenti u l-kwistjoni privata u civili li huma setghu kellhom dwar xogholijiet fid-dar taghhom, talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara tali allegazzjonijiet libelluzi u malafamanti fil-konfront taghhom stante illi kienu intizi sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni, gieh u kredibbilita` taghhom filwaqt li talbu wkoll lill-Qorti tikkundanna lill-istess intimat ihallas danni likwidati a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap. 248.

2. Il-konvenut wiegeb:-

i. Illi fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jipproducu traskrizzjoni tal-bulettini tal-ahbarijiet indikati minnhom fir-rikors u jindikaw b'ezattezza fejn hassewhom malafamati;

ii. Illi fit-tieni lok, l-ahbar *de quo* mhux libelluz fil-konfront tal-atturi;

iii. Illi fit-tielet lok il-konvenut ipprova jaghti dritt ta' risposta lill-attur pero` dan irrifjuta li jiehu din l-opportunita';

iv. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut Glenn Bedingfield qua Kap tat-Taqsima Ahbarijiet ta' One Television kien qieghed jezercita d-dritt gurnalistiku tieghu u jikkummenta dwar fatti li kienu diga` gew zvelati lill-pubbliku in generali f'dak il-perijodu mill-gazzetti lokali u li kellhom fic-centru taghhom lir-rikorrent Tonio Fenech li huwa persuna pubblika;

v. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-bulettin tal-ahbarijiet *de quo* hemm biss fatti maghrufa u *fair comment* dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f'socjeta` demokratika, kif ukoll taht il-ligi tal-istampa u wkoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

3. B'sentenza tal-10 ta' Lulju 2017, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet is-segwenti:-

*"Tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,*

*Tilqa it-talbiet attrici, u ghalhekk, filwaqt illi*

*Tiddikjara il-kontenut tal-ahbar illi kien imxandar fuq l-ahbarjiet ta' One Tv tas 19.30pm tat 8 ta' Novembru 2009 u tal-11 ta' Novembru 2009 bl-isem ta' 'Pjacir ta' €70,000', bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti.*

*Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti bhala danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000).*

*Spejjez u imghax fuq is-sorte mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv a karigu ta' l-intimat".*

4. Illi minn din is-sentenza appella l-konvenut. L-aggravji huma:-

i. l-apprezzament hazin ta' principji legali meta l-ewwel Qorti qieset il-kontenut tar-rappurtagg libelluz semplicement ghaliex l-allegazzjonijiet ma gewx ippruvati, billi l-allegazzjonijiet ma ghamilhomx l-appellanti izda terza persuna identifikata;

ii. in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti Claudine Fenech fil-proceduri odjerni; u

iii. il-*quantum* tad-danni li l-konvenut kien ikkundannat ihallas.

5. Permezz ta' twegiba pprezentata fit-18 ta' Awwissu 2017, ir-rikorrenti wiegbu illi l-appell tal-intimat ghandu jigi michud u s-sentenza appellata, li hija gusta u legalment korretta, ikkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

6. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet:-

*"Jirrizulta illi l-artikolist tal-ahbar meritu tal-kawza odjerna, illi kien l-intimat Glenn Bedingfield, filwaqt illi jinsisti illi l-ahbar kienet ta' interess pubbliku, jiggustifka l-pubblikazzjoni fuq il-fatt illi kienet gia giet ippubblikata fil-Malta Today filwaqt illi jipprova jipprotegi d-drittijiet tieghu billi jghid illi l-gurnalista tal-One TV, Wendy Borg, marret tiffaccja lir-rikorrent b'domandi dakinhar stess filghodu, hekk kif harget l-istorja, izda r-rikorrent naqas milli jwiegeb.*

*Jirrizulta illi, fi kliem l-intimat stess (fol 136) "pjacir ta' sebghin elf Euro ghandu jitqies bhala ksur ta' l-etika ta' Ministru".*

*Jirrizulta illi, fost l-allegazzjonijiet illi saru fil-konfront tar-rikorrent fl-ahbar imxandar fuq in-news principali tal-One TV, l-intimat ghamel is-segwenti allegazzjonijiet fil-konfront tieghu:*

- *Pjacir ta' 70000 Euro ghal Ministru Tonio Fenech minn kumpannija illi kien qed jghinha biex tbiegh il-lukanda Jerma*
- *Il-Ministru tal-Finanzi kien qed jipprova jghin lill-ahwa Montebello ibighu l-lukanda Jerma u ta' dan bhala pjacir kienu qed ihallsulu x-xogholijiet fid-dar il-gdida tieghu f Hal-Balzan*
- *Meta s-sidien tar-Rainbow iccekkjaw mal-ahwa Montebello qalulhom dan il-kliem: "Ix-xoghol qed isir bi pjacir lil Tonio Fenech talli qed jghinna inbieghu l-Jerma"*

- *Fenech hallas 20,000 ewro biss minn dak li kien dovut.*
- *Kaz li huwa mdawwar b'laqghat u pjaciri li jiswew eluf ta' ewro. Il-Ministru Fenech qed jipprova jilghabha li kollox business as usual*
- *Pjacir tat-tip li kien irrappurtat li jikser il-kodici ta' etika ghall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari.*

*Jirrizulta, madanakollu, illi mill-provi kollha prodotti mill-intimati, ebda minn dawna l-allegazzjonijijet ma gew ippruvati.*

*Jirrizulta, di fatti, illi, a differenza ta' dak illi qieghed jigi allegat minn Charles Magro, illi kellu kull interess illi joskura lir-rikorrent wara illi pprova jgieghlu jhallsu dak li ma kienx dovut lilu billi jmur jugzah lill-Prim Ministru tramite is-servizzi tas-Segretarju Generali tal-General Workers' Union, l-ahwa Montebello t-tnejn ikkonfermaw illi ma kien minnu assolutament xejn illi qatt qalulu illi x-xoghol kien qieghed isir bi pjacir lir-rikorrenti sabiex jagevolhom u jghinnhom fil-bejgh tal-Jerma Hotel meta huwa kien fil-kariga ta' Ministru.*

*Jirrizulta, in fatti, ghal darba ohra a differenza ta' dak illi qieghed jipprova jallega Charles Magro, li uza l-mezzi tax-xandir sabiex jitfa dell ikrah fuq ir-rikorrent ghax huwa ma inqedhiex meta mar ghand is-Segretarju Privat tal-Prim Ministru, l-istess Magro hareg statement datat 18 ta' Gunju 2009 (fol 34), illi huwa kwazi l-istess ghal dak illi huwa kien hareg originalment lill-ahwa Montebello fis 26 ta' Frar 2009 (fol 20), fl-ammont ta' €40,956.52, fejn juri illi minn dana l-ammont kien thallas €30,000 mir-rikorrent u is-somma ta' €9,623.51 f'cash, bir-rizultat illi kien fadal bilanc ta' €1,333.11.*

*Jirrizulta illi sussegwentement saru xogholijiet ulterjuri u r-rikorrent hallsu €10,000 ohra filwaqt illi imbghad inqalghu kwistjonjiet dwar in-natura tax-xoghol w l-agir ta' Charles Magro illi qabad u abbanduna l-lant tax-xoghol minkejja illi kien jaf ben sew l-urgenza sabiex jitlestew ix-xogholjiet, rizultat ta' liema agir ir-rikorrent hallas biss ammont iehor ta' €905.12, ghas-saldu, li gie accettat minn Magro ghalkemm baqa' jinsisti illi irid jithallas €20,000.*

*Jirrizulta, ghalhekk, illi mhux talli ir-rikorrent ma hallas xejn, izda illi hallas lill Magro ben oltre erbghin elf euro ghal xoghol illi eventwalment ma lestihiex ghax abbanduna l-lant tax-xoghol, u dana il-pagamenti saru kollha mir-rikorrent.*

*Jirrizulta wkoll illi, ghal dak illi qieghed jallega Charles Magro illi x-xoghol kien qieghed isir bi pjacir, mhut talli tali prova ma tressqietx, izda talli tressqu provi sufficjenti biex juru illi Charles Magro, fl-allegazzjonijiet tieghu, ma tantx huwa kredibbli, stante illi ma gab assolutament ebda tip ta' provi in sostenn tal-asserzjoni tieghu illi r-rikorrent kellu jhallsu aktar minn ghoxrin elf Euro, u wera bl-aktar mod car illi l-modus operandi tieghu kienet wahda intiza unikament sabiex jipprova jakkwista kemm jiflah, u kien dispost sahansitra jmur ghand il-Prim Ministru wara illi talab l-intervent tas-Segretarju Generali*

*tal-General Worker's Union, biex jipprova jimmanipula lir-rikorrent biex ihallsu dak illi ma kienx dovut lilu.*

… … … omissis … … …

*Mill-provi kollha prodotti, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi l-kummenti illi saru kienu bbazati fuq fatti inkorretti u li setghu jigu verifikati u li ghalhekk il-kontenut tal-ahbar kien libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti."*

**L-Ewwel Aggravju.**

7. L-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta qieset li r-rappurtagg kien libelluz ghaliex l-allegazzjonijiet imsemmija ma gewx ippruvati. Jghid illi huwa ma pprezenta ebda allegazzjoni bhala stat ta' fatt izda semplicement irapporta dak li kienet qed tghid terza persuna identifikata, Charles Magro. Skont l-appellant, f'dan il-kwadru l-ezercizzju li kellha taghmel l-ewwel qorti kien jekk ir-rapport mertu tal-kaz kienx jaghti stampa cara u preciza tal-kontroversja, u mhux li tindaga fil-verita` o meno tal-allegazzjonijiet imsemmija.

8. L-appellant jippretendi li r-riproduzzjoni fil-bulettin tal-ahbarijiet ta' allegazzjonijiet diga` rapportati fuq il-mezzi tax-xandir bhala maghmula minn persuna ohra, li ma ssarraf f'xejn hlief *"f'sommarja preciz tal-kontroversja"*, ma tista' twassal ghal ebda responsabbilita` libelluza. Jghid li l-kredibbilita` o meno tal-persuna li ghamlet l-allegazzjonijiet li huwa xandar fuq One TV fit-8 ta' Novembru 2009, hija immaterjali ghaliex dak li huwa relevanti huwa biss jekk dawk l-allegazzjonijiet gew rapportati b'mod onest u bilancjat.

9. L-appellant jichad ulterjorment li fil-bulettin tal-ahbarijiet mertu ta' din il-kawza huwa pprezenta l-kontroversja bhala fatt, u jsostni li huwa rrapporta dak li qal Charles Magro, kif ukoll ic-cahda tar-rikorrent u l-istqarrija li ghamel dwar il-kaz, oltre li pprova jikseb kummenti ulterjuri minghand l-istess

rikorrenti dwar il-kaz, u b'hekk ipprezenta lill-pubbliku iz-zewg verzjonijiet tal-kontroversja. Izid jghid li huwa kellu dmir li jgharraf lill-pubbliku b'dak li kien qed jigi allegat minn Charles Magro, *multo magis* f'kaz li l-allegazzjonijiet jirrigwardaw persuna pubblika bhalma huwa r-rikorrent Tonio Fenech.

10. Il-Qorti tinnota qabel xejn li l-appellant mhux jikkontesta il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-allegazzjonijiet maghmula minn Charles Magro kif rapportati mill-istess appellant fil-bulettin tal-ahbarijiet mertu tal-kawza, ma gewx ippruvati u li l-istess Charles Magro m'huwiex kredibbli. Pjuttost, l-appellant jghid li f'dan il-kaz il-kredibbilita` ta' dik il-persuna m'hijiex relevanti ghaliex dak li huwa materjali huwa jekk ir-rapportagg tal-allegazzjonijiet ikun sar minnu b'mod lejali u in bona fide. Tant hu hekk li fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant jissottometti illi m'ghandux jigi penalizzat semplicement ghaliex l-allegazzjoni tas-socjeta` Rainbow ma gietx pruvata.

11. Fiz-zmien tal-pubblikazzjoni l-attur kien attiv fil-politika u kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Finanzi. Bhala persuna pubblika kien espost ghall-kritika mill-media. Bhala gurnalist il-konvenut kellu dmir li jistharreg u jizvela lill-pubbliku allegazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku li jsiru kontra persuni politici.

12. Madanakollu, daqstant iehor hu rikonoxxut illi ma ghandu qatt ikun hemm eccess tal-limiti ta' dak strettament necessarju.

13. L-ewwel aggravju ma jinkludix ilment dwar il-konkluzjoni tal-ewwel qorti li ma saritx prova tal-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-attur. Il-qorti qalet:

*"Jirrizulta wkoll illi, ghal dak illi qieghed jallega Charles Magro illi x-xoghol kien qieghed isir bi pjacir, mhux talli tali prova ma tressqitx, izda talli tressqu provi sufficjenti biex juru illi Charles Magro, fl-allegazzjonijiet tieghu ma tantx huwa kredibbli, stante illi ma gab assolutament ebda tip ta' provi in sostenn tal-asserzjoni tieghu illi r-rikorrent kellu jhallsu aktar minn ghoxrin elf Euro, u wera bl-aktar mod car illi l-modus operandi tieghu kienet wahda intiza*

*unikament sabiex jipprova jakkwista kemm jiflah, u kien dispost sahansitra jmur ghand il-Prim'Ministru wara illi talab intervent tas-Segretarju Generali tal-General Workers' Union, biex jipprova jimmanipula lir-rikorrent biex ihallsu dak illi ma kienx dovut lilu"*.

14. L-ilment tal-konvenut hu li kien qieghed biss jirrapporta dak li qal haddiehor dwar l-attur. Pero' fir-rapport gie rraportat bhala certezza li l-Ministru tal-Finanzi Tonio Fenech kien inghata pjacir b'valur ta' €70,000. Tant hu hekk li fih intqal:-

- ***"Pjacir ta' 70,000 ewro. Tonio Fenech involut f'kaz iehor li jikser il-Kodici tal-Etika".***
- *"**Pjacir ta' 70,000 ewro ghall-Ministru Tonio Fenech** minn kumpannija illi kien qed ighin biex tbiegh il-lukanda Jerma".*
- *"**Il-Ministru tal-Finanzi kien qed jipprova jghin lill-ahwa Montebello ibieghu l-lukanda Jerma u ta' dan bhala pjacir kienu qed ihallsulu x-xoghlijiet fid-dar il-gdida tieghu f'Hal Balzan. Pjacir li kien jiswa mas-70,000 ewro** li minnhom 20,000 ewro ghadhom ma thallsux minhabba li n-negozju tal-jerma ma mmaterjalizzax".*
- *"In-negozju tal-Jerma ma sarx u b'hekk **l-ahwa Montebello waqfu jhallsu l-kont tax-xoghol li kienu qed jaghmlu bi pajcir** u li maz-zmien kien tela' ghal mas-70,000 ewro".*
- *"Kaz li huwa mdawwar b'laqghat u **pjaciri li jiswew elfu ta' ewro**".*

15. Ir-rapport ma kienx biss rappurtagg ta' dak li kien qal Charles Magro u li deher f'gazzetta ohra. Hu evidenti li l-konvenut qies li dak li qal Magro kien il-verita, minghajr ma saru ebda verifiki. Dak it-tip ta' rapport ma jistax jinghad li hu oggettiv u bilancjat. Il-konvenutipprezenta dawn il-fatti bhala l-verita'. Ghalhekk m'ghandux ragun meta fir-rikors tal-appell qal, *"Il-gurnalist esponent bl-ebda mod ma jipprezenta din il-kontroversja bhala fatt…"* u li, *"…. f'dan il-kaz l-esponenti ma ghaddiex bhala stat ta' fatt pruvat l-allegazzjonijiet, izda rraporta dak li qalu s-sidien tar-Rainbow u kif ukoll ic-cahda tal-appellat,*

*kif wara kollox kien diga' gie rraportat fil-gurnal Malta Today"*. Il-konvenut ma llimitax ruhu biex jirraporta dak li kien qieghed ighid haddiehor dwar l-attur. Lanqas mhu minnu li, *"….. jaghmilha cara mal-udjenza li din hija biss allegazzjoni ventilata mis-sidien tar-Rainbow u li l-appellat Fenech qed jinnegaha bil-qawwa"*. Mill-estratti hawn fuq riprodotti hu evidenti li l-gurnalist ghamilha cara lill-qarrej li kien hemm verzjoni wahda biss li kienet il-verita', cjoe' dik li Tonio Fenech kien ircieva pjacir b'valur ta' €70,000 minghand l-ahwa Montebello talli kien qieghed ighinhom ibieghu il-lukanda Jerma. Ghalhekk ma jistax ikun li l-konvenut kien semplicement qieghed jirraporta dak li qal haddiehor. Il-gurnalist ma llimitax ruhu biex jippubblika zewg verzjonijiet differenti, izda ghamilha fatta li bl-agir tieghu l-Ministru tal-Finanzi kien hati tal-ksur tal-kodici ta' etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari. Ghalkemm fir-rapport jissemma li l-attur kien cahad l-allegazzjonijiet, dak m'huwiex bizzejjed. Il-messagg li nghata lill-qarrej kien car daqs il-kristall. Il-gurnalist ma llimitax ruhu biex jaghti taghrif izda ha posizzjoni cara, li l-attur kien hati. Dan johrog iktar car meta tqies li r-rapport deher fuq il-media tal-Partit Laburista. Il-qorti hi tal-fehma li fit-tip ta' rappurtagg li sar ma kienx hemm *bona fede* li jsir rapport genwin fuq materja ta' interess pubbliku.

16. Inoltre, dak li l-konvenut lanqas ma jista' jinghad li jgawdi mill-privilegg kwalifikat kontemplat fl-artikolu 12A tal-Kap. 248, jew li hi xi pubblikazzjoni privileggata skont l-artikolu 33 tal-istess Att.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

17. L-appellant jilmenta illi l-ewwel qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li l-attrici Claudine Fenech ma ghandhiex interess guridiku fl-azzjoni odjerna ghaliex ma tissemma bl-ebda mod fir-rapport mertu tal-kaz. Jirreferi ghall-kawza 164/2011 li giet deciza kontestwalment mas-sentenza appellata, fejn il-konvenuti f'dik il-kawza gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu t-talbiet maghmulin fil-konfront taghhom mill-istess Claudine Fenech. L-

appellant jirreferi wkoll ghad-digriet tal-10 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu l-provi f'dik il-kawza gew meqjusa li jghoddu bhala prova wkoll f'din il-kawza.

18. L-appellati jwiegbu billi jikkontendu li peress li l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku tal-attrici Claudine Fenech ma tqajmitx bhala eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti, ma tistax tigi sollevata bhala aggravju f'dan l-istadju ta' appell, oltre illi l-mertu tal-kawza 164/2011 kien jirrigwarda stqarrija differenti mill-bulettin impunjat f'din il-kawza.

19. Eccezzjoni li attrici m'ghandhiex interess guridiku, hi eccezzjoni ta' natura perentorja li tista' titqajjem f'kull stadju tal-proceduri. Madankollu:-

"*... l-interess jirradika d-dritt ghas-smiegh ghal-litigant. Mitluf dak id-dritt, jintilef l-obbligu ghas-smiegh u ghalhekk <u>huwa kompitu tal-Qorti illi ggib dan il-fatt 'il quddiem meta jirrizultalha 'l-bazi ta' l-azzjoni' huwa nieqes jew inkella ntilef fil-kors tal-kawza</u>*".[1]

20. Konformament mal-premess, ghalkemm jirrizulta li l-eccezzjoni ma nghatatx quddiem l-ewwel qorti, ladarba l-eccezzjoni nghatat fir-rikors tal-appell, din il-qorti ghandha tiddeciedi dwarha.

21. Dan l-aggravju hu gustifikat. L-azzjoni li pproponew l-atturi hi dik kontemplata fl-artikolu 28 tal-Kap. 248. Id-danni ghandhom jinghataw lill-persuna offiza, li f'dan il-kaz hu l-attur.

**<u>It-Tielet Aggravju.</u>**

22. L-appellant argumenta li s-somma ta' €3,000 li l-ewwel qorti llikwidat bhala danni, hi eccessiva.

[1] **Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et**, Appell Civili, deciz 19 ta' Mejju 2004.

23. Il-qorti ma taqbilx li l-presenza ta' Claudine Fenech fil-kawza kien fattur determinanti ghal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Ghallinqas dan ma jirrizultax mis-sentenza. Hu evidenti li mill-bidu sal-aħħar l-attakk kien fil-konfront tal-attur.

24. L-appellant ghamel riferenza ghas-sentenza **Tonio Fenech et vs Joseph Muscat nomine et**, li wkoll giet deciza fl-10 ta' Lulju, 2017. F'dik is-sentenza l-ewwel qorti kkundannat lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf ewro (€1,000). Sentenza li l-qorti fehmet li hi *res judicata*. Pero' dan il-kaz hu differenti, in kwantu f'partijiet differenti tar-rapport il-konvenut baqa' jirrepeti b'konvinzjoni li l-attur ircieva pjacir ta' €70,000.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel aggravju. Tilqa' t-tieni aggravju u tvarja s-sentenza tal-10 ta' Lulju, 2017, billi tiddikjara li Claudine Fenech m'ghandhiex interess guridiku u ghaldaqstant tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju limitament fir-rigward tal-attrici. Tichad it-tielet aggravju. Spejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif inhuma, filwaqt li spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 85% a karigu tal-konvenut u 15% a karigu tal-atturi.**

Anthony Ellul.